# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

## *(BĊE/2013/19)*

(2013/361/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 28.3 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 tat-12 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti ([1]) ddeterminat kif u sa liema punt il-banek ċentrażli nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn issa 'l quddiem "BĊNi taż-żona tal-euro") kienu taħt obbligu biex iħallsu l-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-1 ta' Jannar 2009. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 ġiet issupplimentata minn Deċiżjoni BĊE/2010/27 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ([2]).

(2) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]) tistabbilixxi l-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn hawn 'il quddiem l-"iskema tal-kapital") skont l-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, l-ippeżar ġdid assenjat lil kull bank ċentrali nazzjonali tal-Unjoni fl-iskema tal-kapital (minn hawn 'il quddiem l-"ippeżar fl-iskema tal-kapital").

(3) Mill-1 ta' Lulju 2013, il-kapital sottoskritt tal-BĊE ser ikun ta' EUR 10 825 007 069,61.

(4) It-tkabbir tal-iskema tal-kapital tal-BĊE jeħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27 b'effett mill-1 ta' Lulju, u li tiddetermina kif u sa liema punt il-BĊNi taż-żona tal-euro huma taħt obbligu biex iħallsu l-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Lulju 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Ammont u forma ta' kapital sottoskritt u mħallas**

Kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jħallas is-sottoskrizzjoni sħiħa tiegħu fil-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

Meta jiġi kkunsidrat l-ippeżar fl-iskema tal-kapital stipulat fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/17, kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jkollu total tal-kapital sottoskritt u mħallas li huwa l-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN taż-żona tal-euro | EUR |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 261 705 370,91 |
| Deutsche Bundesbank | 2 030 803 801,28 |
| Eesti Pank | 19 268 512,58 |
| Central Bank of Ireland | 120 276 653,55 |
| Bank of Greece | 210 903 612,74 |
| Banco de España | 893 420 308,48 |
| Banque de France | 1 530 028 149,23 |
| Banca d'Italia | 1 348 471 130,66 |
| Central Bank of Cyprus | 14 429 734,42 |
| Banque centrale du Luxembourg | 1 882 468 729 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 6 873 879,49 |
| De Nederlandsche Bank | 429 352 255,40 |
| Oesterreichische Nationalbank | 209 680 386,94 |
| Banco de Portugal | 190 909 824,68 |
| Banka Slovenije | 35 397 773,12 |
| Národná banka Slovenska | 74 486 873,65 |
| Suomen Pankki | 134 836 288,06 |

([1]) ĠU L 21, 24.1.2009, p. 69.
([2]) ĠU L 11, 15.1.2011, p. 54.
([3]) Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Billi kull BĊN taż-żona tal-euro diġà ħallas is-sehem sħiħ tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2013 taħt id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27, kull wieħed minnhom għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE jew jirċievi ammont lura mingħand il-BĊE, skont il-każ, sabiex jasal għall-ammont murija fit-tabella fl-Artikolu 1.

2. It-trasferimenti kollha li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Artikolu għandhom isiru skont id-Deċiżjoni BĊE/2013/18 tal-21 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas ([1]).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u tħassir**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.